MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' April, 2011

Numru. 261/2010

Il-Pulizija
(Sup Lawrence Cutajar)
vs
Victor Attard, iben Joseph, imwieled Attard fis-16 ta' Jannar, 1963, Karta ta' l-Identita numru 120563(M)
u
Anthony Cauchi, iben Carmelo, imwieled Ħal-Qormi fl-4 ta' Jannar, 1969, Karta ta' l-Identita numru 53969(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fi Triq Dun Ġuzepp Vella, Ħal-Qormi, fl-24 ta' Mejju, 2005 għal ħabta tas-2.30 p.m. u fil-ġranet ta' qabel b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-

regolamenti weġġa gravi Steve Attard hekk kif iċċertifika Dr. Zrinzo M.D.;

lil Anthony Cauchi, waħdu:

2. talli li bħala l-klijenti tas-sit tal-kostruzzjoni li jinsab fi Triq Dun Ġuzepp Vella, Ħal-Qormi fl-24 ta' Mejju, 2005 u fil-ġimfħat ta' qabel, naqas milli jaħtar 'supervisor' għall-proġett għall-istadju tad-disinn u 'supervisor' tal-proġett għall-istadju tal-kostruzzjoni;

3. talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jzomm 'files' dwar is-saħħa u is-sigurta u kull informazzjoni oħra relevanti dwar is-saħħa u is-sigurta, u qiegħdom għad-dipozizzjoni ta' kull min ikun irid jispezzjonhom u li jkun jiħtieġ l-informazzjoni mill-file biex iħares kull obbligazzjoni li toħroġ mill-liġi;

4. talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jikkomunika avviż bil-quddiem lill-Awtorita' ta' l-anqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma beda x-xogħol, kif ukoll talli ġaladarba beda xi attivita' ta' xogħol fuq il-proġett, kopja ta' l-avviż bil-quddiem għandha tkun esposta b'mod ċar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bżonn din għandha tkun aġġornata perjodikament;

lil Victor Attard, waħdu:

5. talli bħala kuntrattur fis-sit tal-kostruzzjoni li jinsab fi Triq Dun Ġuzepp Vella, Ħal-Qormi fl-24 ta' Mejju, 2005, matul il-ġurnata u fil-ġranet ta' qabel naqas milli jħares is-saħħa u is-sgurrta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu effettwati bix-xogħol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol;

6. talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem, u ta' kull persuna li taħdem għal rasha, naqas li jagħmel, jew li jizgura li jsir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u għas-sigurta' kollha li jistgħu jkunu prezenti fuq il-post tax-xogħol u ir-riskji li jirrizultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u is-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirrizultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriza;

7. talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem jew li taħdem għal rasha naqas li jizgura s-saħħa u is-sigurta' tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol u jagħmel l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll u monitoraġġ u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra in-natura tal-attivitajiet u id-daqs ta' l-impriza, jidentifika l-perikolu fuq il-post tax-xogħol u jevita riskji għas-saħħa u għas-sigurta' u jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u għas-sigurta' tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u ikkontrollati mill-bidu;
8. talli fil-kapaċita' tiegħu ta' persuna li tħaddem fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi u ta' kull persuna li taħdem għal rasha naqas li qabel ma qabbad jew offra xi xogħol lil xi zagħzugħ u partikolarment lil Steve Attard milli jagħmel stima tal-perikoli għas-saħħa u is-sigurta' kollha li setgħu jkunu prezenti fuq il-post tax-xogħol u ir-riskji li jirrizultaw u li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol;
9. talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas li jizgura li kull zagħzugħ li jaħdem miegħu jew li lilu jkun assenjat xi xogħol u cioe' ikun f'kull ħin adegwatament protett kontra kull riskju li jista' jirrizulta mill-istima kif ukoll xogħol li ma jkunx jinvolvi riskju ta' aċċidenti li, wieħed għandu jassumi, ma jkunx jistgħu jintgħarfu jew jiġi evitati miz-zagħzugħ minħabba li ma jagħtix attenzjoni bizzejjed għas-sigurta' jew minħabba fin-nuqqas ta' esperjenza jew taħriġ.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li Stefan Attard, il-midrub, iben l-imputat Victor Attard, għaddielu u illum qed ikompli jaħdem regolarment ma missieru.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Victor Attard** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 6 u 7(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 4(1)(2)(5)(i)(ii), 5(i)(ii) u 10(1) ta' l-A. L. 36 ta' l-2003 u l-artikoli 3(1)(2)(a)(b)(ċ)(d)(e) u 4(1)(ċ) ta' l-A.L. 91 ta' l-2000. Ma tikkundannahx għal

piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Issib lill-imputat **Anthony Cauchi** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(1)(2) u 4(1) ta' l-A.L. 281 ta' l-2004. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' mija u ħamsin euro (€150) kull wieħed minnhom spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------